DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2022/2206

tal-11 ta' Novembru 2022

li tistabbilixxi l-mudell tar-rappurtar għar-rapporti annwali lill-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data* mill-Istati Membri dwar l-eżerċitar tad-drittijiet tas-suġġetti tad-*data* relatati mas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2018/1861 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Novembru 2018 dwar l-istabbiliment, it-tħaddim u l-użu tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS) fil-qasam tal-verifiki fuq il-fruntieri, u li jemenda l-Konvenzjoni li timplimenta l-Ftehim ta' Schengen, u li jemenda u jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1987/2006 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 54(3) tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2018/1862 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Novembru 2018 dwar l-istabbiliment, it-tħaddim u l-użu tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS) fil-qasam tal-kooperazzjoni tal-pulizija u l-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali, li jemenda u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/533/ĠAI, u jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1986/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/261/UE ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 68(3) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolamenti (UE) 2018/1861 u (UE) 2018/1862 jistabbilixxu regoli ġodda dwar l-istabbiliment, it-tħaddim u l-użu tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen. Ir-Regolamenti l-ġodda jżidu l-effettività u jsaħħu l-effiċjenza teknika u operattiva tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen u jestendu l-użu tagħha billi jintroduċu kategoriji u funzjonalitajiet ġodda ta' allert. Barra minn hekk, ir-Regolament (UE) 2018/1860 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]) stabbilixxa tip ġdid ta' allert dwar ir-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi.

(2) Ir-Regolament (UE) 2018/1861 jikkostitwixxi l-bażi ġuridika għas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen fir-rigward ta' kwistjonijiet li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Kapitolu 2 tat-Titolu V tat-Tielet Parti tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) u r-Regolament (UE) 2018/1862 jikkostitwixxi l-bażi ġuridika għas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen fir-rigward ta' kwistjonijiet li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Kapitoli 4 u 5 tat-Titolu V tat-Tielet Parti tat-TFUE. Il-fatt li l-bażi ġuridika għas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen tikkonsisti fi strumenti separati ma jaffettwax il-prinċipju li s-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen tikkostitwixxi sistema waħda ta' informazzjoni li għandha topera bħala tali.

(3) Id-Direttiva (UE) 2016/680 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([4]) u r-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([5]), flimkien mar-Regolamenti (UE) 2018/1861 u (UE) 2018/1862, jistabbilixxu d-drittijiet tas-suġġetti tad-*data* rigward l-ipproċessar tad-*data* personali tagħhom b'rabta mal-użu tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti, kif ukoll il-proċeduri għall-eżerċitar ta' tali drittijiet.

(4) L-awtoritajiet superviżorji indipendenti nazzjonali msemmija fid-Direttiva (UE) 2016/680 u r-Regolament (UE) 2016/679 jimmonitorjaw il-legalità tal-ipproċessar tad-*data* personali mill-Istati Membri b'rabta mal-użu tagħhom tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen.

([1]) ĠU L 312, 7.12.2018, p. 14.
([2]) ĠU L 312, 7.12.2018, p. 56.
([3]) Ir-Regolament (UE) 2018/1860 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Novembru 2018 dwar l-użu tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen għar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi b'soġġorn illegali (ĠU L 312, 7.12.2018, p. 1).
([4]) Id-Direttiva (UE) 2016/680 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali mill-awtoritajiet kompetenti għall-finijiet tal-prevenzjoni, l-investigazzjoni, is-sejbien jew il-prosekuzzjoni ta' reati kriminali jew l-eżekuzzjoni ta' pieni kriminali, u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li tħassar id-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2008/977/ĠAI (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 89).
([5]) Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali u dwar il-moviment liberu ta' tali *data* u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data*) (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1).

(5) F'konformità mar-Regolamenti (UE) 2018/1861 u (UE) 2018/1862, l-Istati Membri għandhom jirrapportaw kull sena lill-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data* dwar l-eżerċitar tad-drittijiet tas-suġġetti tad-*data* skont mudell li għandu jiġi żviluppat mill-Kummissjoni.

(6) Sabiex jiġi żgurat li r-rapporti annwali mill-Istati Membri jipprevedu ħarsa ġenerali konsistenti tal-funzjonament tar-rimedji disponibbli għas-suġġetti tad-*data*, jenħtieġ li l-mudell jistabbilixxi d-*data* li għandha tingħabar skont ir-Regolamenti (UE) 2018/1861 u (UE) 2018/1862, dwar l-eżerċitar tad-drittijiet tas-suġġetti tad-*data* għall-aċċess, ir-rettifika u t-tħassir tad-*data* personali tagħhom maħżuna fis-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen, kif ukoll dwar rimedji quddiem il-qrati nazzjonali u r-rikonoxximent reċiproku tas-sentenzi.

(7) Bis-saħħa tal-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) 2018/1860, l-Artikolu 54(3) tar-Regolament (UE) 2018/1861 huwa applikabbli wkoll għall-allerti dwar ir-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi. Għalhekk, jenħtieġ li l-Istati Membri jinkludu wkoll fir-rapporti annwali tagħhom lill-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data* l-eżerċitar tad-drittijiet tas-suġġetti tad-*data* rigward dik il-kategorija ta' allerti.

(8) F'konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll Nru 22 dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, id-Danimarka ma ħaditx sehem fl-adozzjoni tar-Regolament (UE) 2018/1861 u r-Regolament (UE) 2018/1862 u ma hijiex marbuta bihom jew soġġetta għall-applikazzjoni tagħhom. Madankollu, minħabba li r-Regolament (UE) 2018/1861 u r-Regolament (UE) 2018/1862 jimxu fuq il-passi tal-acquis ta' Schengen, id-Danimarka, f'konformità mal-Artikolu 4 ta' dak il-Protokoll, fis-26 ta' April 2019 innotifikat id-deċiżjoni tagħha li timplimenta r-Regolament (UE) 2018/1861 u r-Regolament (UE) 2018/1862 fil-liġi nazzjonali tagħha. Għaldaqstant, id-Danimarka hija marbuta bid-dritt internazzjonali li timplimenta din id-Deċiżjoni.

(9) L-Irlanda qiegħda tieħu sehem f'din id-Deċiżjoni sa fejn tikkonċerna r-Regolament (UE) 2018/1862, f'konformità mal-Artikolu 5(1) tal-Protokoll Nru 19 dwar l-acquis ta' Schengen integrat fil-qafas tal-Unjoni Ewropea, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u l-Artikolu 6(2) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/192/KE ([6]), moqri flimkien mad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2020/1745 ([7]).

(10) Fir-rigward tal-Iżlanda u n-Norveġja, din id-Deċiżjoni tikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen fis-sens tal-Ftehim konkluż mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Iżlanda u r-Renju tan-Norveġja dwar l-assoċjazzjoni ta' dawn l-Istati mal-implimentazzjoni, mal-applikazzjoni u mal-iżvilupp tal-acquis ([8]) ta' Schengen, li jaqgħu fil-qasam imsemmi fl-Artikolu 1, il-punt (G) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/437/KE ([9]).

(11) Fir-rigward tal-Iżvizzera, din id-Deċiżjoni tikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen fis-sens tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar l-assoċjazzjoni tal-Konfederazzjoni Żvizzera mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-acquis ta' Schengen ([10]), li jaqgħu fil-qasam imsemmi fl-Artikolu 1, il-punt (G), tad-Deċiżjoni 1999/437/KE, moqri flimkien mal-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/146/KE ([11]) u l-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/149/ĠAI ([12]).

([6]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/192/KE tat-28 ta' Frar 2002 rigward it-talba tal-Irlanda biex tieħu sehem f'xi dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen (ĠU L 64, 7.3.2002, p. 20).

([7]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2020/1745 tat-18 ta' Novembru 2020 dwar l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen dwar il-protezzjoni tad-*data* u dwar l-implimentazzjoni proviżorja ta' ċerti dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen fl-Irlanda (ĠU L 393, 23.11.2020, p. 3).

([8]) ĠU L 176, 10.7.1999, p. 36.

([9]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/437/KE tas-17 ta' Mejju 1999 dwar ċerti arranġamenti għall-applikazzjoni tal-Ftehim konkluż mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Iżlanda u r-Renju tan-Norveġja dwar l-assoċjazzjoni ta' dawn iż-żewġ Stati mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-acquis ta' Schengen (ĠU L 176, 10.7.1999, p. 31).

([10]) ĠU L 53, 27.2.2008, p. 52.

([11]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/146/KE tat-28 ta' Jannar 2008 dwar il-konklużjoni f'isem il-Komunità Ewropea, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar l-assoċjazzjoni tal-Konfederazzjoni Żvizzera mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-acquis ta' Schengen (ĠU L 53, 27.2.2008, p. 1).

([12]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/149/ĠAI tat-28 ta' Jannar 2008 dwar il-konklużjoni f'isem l-Unjoni Ewropea tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar l-assoċjazzjoni tal-Konfederazzjoni Żvizzera mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-acquis ta' Schengen (ĠU L 53, 27.2.2008, p. 50).

(12) Fir-rigward tal-Liechtenstein, din id-Deċiżjoni tikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen fis-sens tal-Protokoll bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea, il-Konfederazzjoni Żvizzera u l-Prinċipat tal-Liechtenstein dwar l-adeżjoni tal-Prinċipat tal-Liechtenstein mal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar l-assoċjazzjoni tal-Konfederazzjoni Żvizzera mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-acquis ta' Schengen ([13]), li jaqgħu fil-qasam imsemmi fl-Artikolu 1, il-punt (G), tad-Deċiżjoni 1999/437/KE, moqri flimkien mal-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/350/UE ([14]) u l-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/349/UE ([15]).

(13) Fir-rigward tal-Bulgarija u tar-Rumanija, din id-Deċiżjoni tikkostitwixxi att li jimxi fuq il-passi tal-acquis ta' Schengen, jew huwa altrimenti marbut miegħu, fis-sens tal-Artikolu 4(2) tal-Att tal-Adeżjoni tal-2005, u jenħtieġ li tinqara flimkien mad-Deċiżjonijiet tal-Kunsill 2010/365/UE ([16]) u (UE) 2018/934 ([17]).

(14) Fir-rigward tal-Kroazja, din id-Deċiżjoni tikkostitwixxi att li jibni fuq l-acquis ta' Schengen jew huwa altrimenti marbut miegħu, fis-sens tal-Artikolu 4(2) tal-Att tal-Adeżjoni tal-2011, u jenħtieġ li tinqara flimkien mad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/733 ([18]).

(15) Fir-rigward ta' Ċipru, din id-Deċiżjoni tikkostitwixxi att li jibni fuq l-acquis ta' Schengen jew huwa altrimenti marbut miegħu, fis-sens tal-Artikolu 3(2) tal-Att ta' Adeżjoni tal-2003.

(16) Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data* ġie kkonsultat f'konformità mal-Artikolu 42(1) tar-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([19]) u ta l-opinjoni tiegħu fil-11 ta' Lulju 2022,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 54(3) tar-Regolament (UE) 2018/1861 u fl-Artikolu 68(3) tar-Regolament (UE) 2018/1862 għandha tingħata skont il-mudell stabbilit fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

([13]) ĠU L 160, 18.6.2011, p. 21.

([14]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/350/UE tas-7 ta' Marzu 2011 dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea tal-Protokoll bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea, il-Konfederazzjoni Żvizzera u l-Prinċipat tal-Liechtenstein dwar l-adeżjoni tal-Prinċipat tal-Liechtenstein mal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar l-assoċjazzjoni tal-Konfederazzjoni Żvizzera mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-acquis ta' Schengen, relatat mal-abolizzjoni tal-verifiki mal-fruntieri interni u l-moviment tal-persuni (ĠU L 160, 18.6.2011, p. 19).

([15]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/349/UE tas-7 ta' Marzu 2011 dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Protokoll bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea, il-Konfederazzjoni Żvizzera u l-Prinċipat tal-Liechtenstein dwar l-adeżjoni tal-Prinċipat tal-Liechtenstein mal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar l-assoċjazzjoni tal-Konfederazzjoni Żvizzera mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-acquis ta' Schengen, relatat b'mod partikolari mal-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali u l-kooperazzjoni tal-pulizija (ĠU L 160, 18.6.2011, p. 1).

([16]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/365/UE tad-29 ta' Ġunju 2010 dwar l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen relatati mas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen fir-Repubblika tal-Bulgarija u r-Rumanija (ĠU L 166, 1.7.2010, p. 17).

([17]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2018/934 tal-25 ta' Ġunju 2018 dwar l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet li fadal tal-acquis ta' Schengen marbuta mas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen fir-Repubblika tal-Bulgarija u fir-Rumanija (ĠU L 165, 2.7.2018, p. 37).

([18]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/733 tal-25 ta' April 2017 dwar l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen relatati mas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen fir-Repubblika tal-Kroazja (ĠU L 108, 26.4.2017, p. 31).

([19]) Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39).

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, il-11 ta' Novembru 2022.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS

MUDELL GĦAR-RAPPORT ANNWALI LILL-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-*DATA* SKONT L-ARTIKOLU 54(3) TAR-REGOLAMENT (UE) 2018/1861 U L-ARTIKOLU 68(3) TAR-REGOLAMENT (UE) 2018/1862

Għandu jiġi pprovdut annwalment minn kull Stat Membru sal-31 ta' Marzu tas-sena ta' wara s-sena inkwistjoni.

Id-data għandha tiddaħħal f'tabella li jkun fiha l-istruttura u l-kampijiet tad-data li ġejjin.

RAPPORT ANNWALI
Lill-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data* f'konformità ma':
L-Artikolu 54(3) tar-Regolament (UE) 2018/1861 u l-Artikolu 68(3) tar-Regolament (UE) 2018/1862

Stat Membru:

Perjodu ta' rapportar skont is-sena kalendarja:

Talbiet għal aċċess kkompletati [1]		**Allert dwar is-suġġett tad-*data* skont ir-Regolament (UE) 2018/1860**	**Allert dwar is-suġġett tad-*data* skont ir-Regolament (UE) 2018/1861**	**Allert dwar is-suġġett tad-*data* skont ir-Regolament (UE) 2018/1862**	**L-ebda allert dwar l-applikant fis-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS)**
1a.	L-għadd ta' talbiet għal aċċess ippreżentati lill-kontrollur tad-*data*				
1b.	L-għadd ta' każijiet fejn ikun ingħata aċċess għad-*data* [2]				
2a.	L-għadd ta' talbiet għal aċċess ippreżentati lill-awtorità superviżorja [3]				
2b.	L-għadd ta' każijiet fejn ikun ingħata aċċess għad-*data* [4]				
Talbiet għal rettifika kkompletati [5]		**Allert dwar is-suġġett tad-*data* skont ir-Regolament (UE) 2018/1860**	**Allert dwar is-suġġett tad-*data* skont ir-Regolament (UE) 2018/1861**	**Allert dwar is-suġġett tad-*data* skont ir-Regolament (UE) 2018/1862**	**L-ebda allert dwar l-applikant fis-SIS**
3a.	L-għadd ta' talbiet għal rettifika ta' *data* mhux preċiża ppreżentati lill-kontrollur tad-*data*				
3b.	L-għadd ta' każijiet fejn id-*data* tkun ġiet rettifikata				
4a.	L-għadd ta' talbiet għal rettifika ta' *data* mhux preċiża ppreżentati lill-awtorità superviżorja [6]				

4b.	L-għadd ta' każijiet fejn id-*data* tkun ġiet rettifikata *(Fakultattiv* ([7]))				
Talbiet għal tħassir permanenti kkompletati ([8])		**Allert dwar is-suġġett tad-*data* skont ir-Regolament (UE) 2018/1860**	**Allert dwar is-suġġett tad-*data* skont ir-Regolament (UE) 2018/1861**	**Allert dwar is-suġġett tad-*data* skont ir-Regolament (UE) 2018/1862**	**L-ebda allert dwar l-applikant fis-SIS**
5a.	L-għadd ta' talbiet għal tħassir permanenti ta' *data* maħżuna illegalment ippreżentati lill-kontrollur tad-*data*				
5b.	L-għadd ta' każijiet fejn id-*data* tkun tħassret b'mod permanenti				
6a.	L-għadd ta' talbiet għal tħassir permanenti ta' *data* maħżuna illegalment ippreżentati lill-awtorità superviżorja ([9])				
6b.	L-għadd ta' każijiet fejn id-*data* tkun tħassret *(Fakultattiv* ([10]))				

Kawżi l-qorti magħluqa ([11])		**Allert dwar is-suġġett tad-*data* skont ir-Regolament (UE) 2018/1860**	**Allert dwar is-suġġett tad-*data* skont ir-Regolament (UE) 2018/1861**	**Allert dwar is-suġġett tad-*data* skont ir-Regolament (UE) 2018/1862**
7a.	L-għadd ta' proċedimenti tal-qorti mibdija			
7b.	L-għadd ta' każijiet fejn il-qorti tkun qatgħet il-kawża favur ir-rikorrent			

Jekk jogħġbok inkludi kwalunkwe osservazzjoni dwar każijiet ta' rikonoxximent reċiproku ta' deċiżjonijiet finali mill-qrati jew mill-awtoritajiet ta' Stati Membri oħra dwar allerti mdaħħla mill-Istat Membru emittenti
(Jekk jogħġbok żid linji kemm hemm bżonn.)

L-Artikolu 54(3) tar-Regolament (UE) 2018/1861		**L-Artikolu 68(3) tar-Regolament (UE) 2018/1862**	
1.		1.	
2.		2.	
3.		3.	

(1) Jekk jogħġbok inkludi biss każijiet li dwarhom tkun ittieħdet deċiżjoni finali fis-sena kalendarja inkwistjoni, anki jekk it-talba tkun ġiet ippreżentata f'sena preċedenti.

(2) Jekk jogħġbok inkludi l-għadd totali kemm tal-aċċess sħiħ mogħti kif ukoll tal-aċċess parzjali mogħti u żid l-għadd ta' aċċess parzjali mogħti fil-parentesi. Huwa fakultattiv li jiġi pprovdut l-għadd separat dwar l-aċċess parzjali.

(3) Talbiet għal aċċess f'konformità mal-Artikolu 17 tad-Direttiva (UE) 2016/680.

(4) Jekk jogħġbok inkludi l-għadd totali kemm tal-aċċess sħiħ mogħti kif ukoll tal-aċċess parzjali mogħti u żid l-għadd ta' aċċess parzjali mogħti fil-parentesi. Huwa fakultattiv li jiġi pprovdut l-għadd separat dwar l-aċċess parzjali.

(5) Jekk jogħġbok inkludi biss każijiet li dwarhom tkun ittieħdet deċiżjoni finali fis-sena kalendarja inkwistjoni, anki jekk it-talba tkun ġiet ippreżentata f'sena preċedenti.

(6) Talbiet għal aċċess f'konformità mal-Artikolu 17 tad-Direttiva (UE) 2016/680.

(7) L-Istati Membri jistgħu jagħżlu li jimlew jew ma jimlewx il-kampijiet tad-*data* mmarkati b'"Fakultattiv" peress li din id-*data* mhijiex elenkata fost id-*data* li għandha tiġi rrapportata lill-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data* fl-Artikolu 54(3) tar-Regolament (UE) 2018/1861 jew l-Artikolu 68(3) tar-Regolament (UE) 2018/1862.

(8) Jekk jogħġbok inkludi biss każijiet li dwarhom tkun ittieħdet deċiżjoni finali fis-sena kalendarja inkwistjoni, anki jekk it-talba tkun ġiet ippreżentata f'sena preċedenti.

(9) Talbiet għal aċċess skont l-Artikolu 17 tad-Direttiva (UE) 2016/680.

(10) L-Istati Membri jistgħu jagħżlu li jimlew jew ma jimlewx il-kampijiet tad-*data* mmarkati b'"Fakultattiv" peress li din id-*data* mhijiex elenkata fost id-*data* li għandha tiġi rrapportata lill-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data* fl-Artikolu 54(3) tar-Regolament (UE) 2018/1861 jew l-Artikolu 68(3) tar-Regolament (UE) 2018/1862.

(11) Jekk jogħġbok inkludi biss każijiet li dwarhom tkun ittieħdet deċiżjoni finali fis-sena kalendarja inkwistjoni, anki jekk it-talba tkun ġiet ippreżentata f'sena preċedenti.